MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1360/1994/1

**Fabrizio Gatt**

**Vs**

**Emanuel Ciantar**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fid-19 ta' Gunju 1994, gewwa Naxxar Road, Tal-Balal, limiti tan-Naxxar, il-konvenut filwaqt illi kien qed isuq il-vettura tal-marka Mercedes numru tar-registrazzjoni 0952 Z 8002, habat gol-vettura tal-marka Alfa Romeo, numru tar-registrazzjoni B-6551 proprjeta` ta' l-attur, liema incident gara unikament b'tort, traskuragni,

imperizja u nuqqas ta' tharis proprju tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut;

Premess illi fl-istess incident awtomobilistiku, l-attur soffra danni konsestenti fi hsarat fuq il-vettura tieghu b'konsegwenza diretta ta' dan l-incident;

Premess illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' l-imsemmija danni sofferti mill-istess attur, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi gara fid-19 ta' Gunju 1994 gewwa Naxxar Road, Tal-Balal, limiti tan-Naxxar u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur;

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' seba' mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm727.82), jew somma verjuri illi tigi likwidata previa okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' seba' mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm727.82), jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-2 ta' Awissu 1994 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici kellhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident in kwistjoni ssuccieda tort unikament ta' l-attur u in pessima ipotesi tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Novembru 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 52 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-23 ta’ Settembru 1998;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet wara l-konferma tar-relazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F'dan l-incident stradali li sehh fid-19 ta' Gunju 1994 hdejn il-Vibes, limiti Naxxar l-attur kien "*main road user*" mentri l-konvenut kien "*side road user*";

Il-perit legali accetta l-versjoni ta' l-attur illi l-incident sehh kif rakkontat minn dan.  Huwa bbaza l-konkluzjoni tieghu illi l-htija ghal kollizjoni kellha tkun addebitata lill-konvenut fuq dawn il-motivazzjonijiet:-

I. il-hsara fil-vetturi, kompatibbli ma' vettura li mill-genb tohrog ghal fuq il-genb xellugi tal-*car* tal-*main road user*;

II. in-nuqqas ta' *brake-marks*;

III. in-non-accettazzjoni tal-versjoni tal-konvenut li hu kien wieqaf qabel l-impatt;

Il-konvenut jikkritika r-relazzjoni peritali u dwarha jaghmel *inter alia* dawn l-osservazzjonijiet:-

(a) il-perit kellu jasal ghal konkluzjoni li l-htija ma kienetx tieghu fuq il-bazi tal-probabilita`;

(b) il-hsara fil-vettura ta' l-attur hi ndikattiva tal-fatt illi kien l-attur li dahal fil-vettura tal-konvenut;

(c) l-iskizz u r-rapport ma kienux precizi;

(d) l-assenza tal-*brake-marks* ma tikkontradici xejn mill-versjoni tieghu;

(e) l-i*speed* ta' l-attur kien wiehed eccessiv;

(f) il-prova dwar xoghlijiet pubblici li kienu qed isiru f'dik il-lokalita`;

Il-kumpless tal-provi, kif sewwa irritjenew il-perit legali u l-attur fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, ma waslux biex ghelbu l-presunzjoni dettata mir-regola illi f'kazijiet konsimili kien obbligu tal-konvenut, *qua side road user*, li jipprova illi t-tort tas-sinistru kien dovut ghall-imprudenza ta' l-attur, *qua* utent tat-triq principali;

Certament il-Qorti ma tistax taddebita l-htija fuq semplici ipotesijiet jew kongetturi, kif hekk qed jittanta jaghmel il-konvenut, izda fuq ic-certezza ta' fatt u l-applikazzjoni tar-regoli stradali ghal dan l-istess fatt. Sussidjarjament, almenu, ir-ragjonevolezza fuq il-bazi tal-probabilitajiet li

imprexxindibilment iridu jkunu l-gustifikazzjoni ghall-addebitu tar-responsabilita`;

Huwa indiskuss illi l-konvenut kellu l-obbligu li *side road user* ghandu skond ir-regolamenti fil-konfront tat-traffiku li jkun gej u qed juza t-triq principali;

In bazi ghall-insenjamenti dottrinali u gurisprudenzjali *side road user* ghandu b'obbligu dawn id-doveri:-

i. li jaccerta ruhu li t-triq li jkun irid jidhol fiha hi libera;

ii. li jcedi, u ma jfixkilx, it-traffiku fuq il-*main road*;

iii. li jimxi '*dead slow'* u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara;

Ara fir-rigward "**Il-Pulizija -vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953; "**Maggur Alfred Stagno Navarra -vs- Nicola Saliba et**", Appell Civili, 27 ta' Novembru 1961 u "**Joseph Rizzo -vs- Paul Micallef**", Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine De La Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976, "min ikun hiereg minn 'side street' ghal 'main road' ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-'main road' u li jieqaf ghal kollox jew johrog 'inching out', u jassigura li t-triq hi libera. Is-'side road user' ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholi u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jitraversa dik it-triq hija kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha.";

Issa il-kaz prezenti ma jistax ragjonevolment jigi argumentat illi dan hu *toto coelo* divers minn bosta ohrajn ta' l-istess speci u ghamla. Jezistu in fatti certi indikaturi ta' fatt li jimmanifestaw u juru illi l-konvenut ma uzax dik id-diligenza mehtiega li ghandu jadopera *side road user*, u

li konsegwentement il-kondotta tas-sewqan tieghu, kif ukoll ir-*res gestae* kif jemergu oggettivament mill-iskizz u mill-okkorrenza kellhom iwasslu ghal dak l-element accertat ta' htija fih;

Hekk per ezempju n-nuqqas ta' *brake-marks*, in-non rizultanza ta' nuqqas ta' kontroll tal-vetturi jindikaw, fil-fehma tal-Qorti, illi l-manuvra tal-konvenut kienet wahda nkonsulta ghall-ahhar, tant li van li ppreceda immedjatament lill-attur, kellu jisswervja, u mbaghad issorprenda lill-attur li ma kellux zmien jaghmel azzjoni evasiva;

Il-Qorti tmur oltre minn dan.  Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi accettat li qabel il-habta, il-konvenut kien, kif ritenut minnu, wieqaf, u kien l-attur li baqa' diehel fih, dan il-fatt ma ghandux *per se* jittiehed kontra l-attur, fic-cirkostanzi rizultanti.  Se mai, jindika li l-attur sab ostakolu quddiemu li ma kienx mistenni li jsib, appuntu ghax kien ghaddej minn triq principali fejn id-dritta u l-precedenza kienet tieghu;

Dan apparti, id-daqqiet fuq il-vetturi rispettivi jillustraw id-dinamika tas-sinistru, u juru li l-konvenut mhux biss ma kienx wieqaf izda kien hiereg inaspettatament fit-triq principali b'mod li iddisturba s-sewqan ta' l-utent l-iehor. Dawn il-daqqiet kif manifest mill-iskizz u minn dokumenti ohra, fosthom elenku ta' l-ispejjez (fol. 5) u s-*survey report* (fol. 8), juru li l-vettura ta' l-attur assorbithom fuq il-genb taghha u mhux fuq il-*front left corner*, kif hekk dedott mill-konvenut;

Il-konvenut lanqas jista', imbaghad, jappilja ma' l-iskuzanti tas-sewqan eccessiv ta' l-attur;

"Kif kostantament ritenut fil-gurisprudenza f'cirkostanzi simili ghal dak in ezami, eccess ta' velocita` tal-*main road user* (anke kieku biss ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi koncess) ma ghandux jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabilita` ghas-sinistru." ("**Mehmet Kasap -vs- Edgar Ellul**", Prim' Awla, Qorti

Civili, 30 ta' Ottubru 1993; "**Mario Sammut -vs- Vincent Tremarie et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997);

Il-Qorti tosserva wkoll minn ezami ta' l-iskizz illi ma' l-impatt il-karozza ta' l-attur imxiet 'il quddiem bla ma halliet *brake marks*. Din ukoll hi prova ohra li tikkonferma d-dinamika ta' l-incident. "Dan ghaliex turi illi l-attur kien sorpriz bil-mod kif harget il-vettura tal- konvenut fuq il-lemin tieghu mit-triq sekondarja tant li lanqas biss kellu l-opportunita` ta' rejazjoni mentali istantanja biex japplika l-*brakes* biex jipprova jevita l-habta. Cirkostanza din li tispjega ghaliex fil-fatt il-vettura ta' l-attur ma halliet l-ebda sinjali ta' *brakes* warajha.";

Hi f'dan is-sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Teddy Spiteri et -vs- Catherine Muscat et**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, li minnha l-bran suespost hu mehud;

Dan stabbilit u respinti l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, il-Qorti tiddeciedi adezivament ghall-istanza ta' l-attur fuq il-kwestjoni tar-responsabilita` ghall-incident. Barra minn dan l-Qorti qed tadopera wkoll il-perizja ghal dawk li huma danni, li del resto ma gew bl-ebda mod ikkontestati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u b'hekk tiddikjara lill-konvenut unikament fi htija ghall-incident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Gunju 1994 gewwa Naxxar Road, Tal-Balal, limiti tan-Naxxar u ghad-danni naxxenti mill-istess incident;

Tilqa' it-Tieni Talba billi kif mitlub tillikwida d-danni fl-ammont ta' seba' mija sebgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm727.82,0);

Tilqa' finalment it-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq stabbilita in linea ta' danni, bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (2 ta' April 1995).

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandu jbatihom il-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------